# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Kump.188/96***

***Pulizija***
***Sp. Paul Sammut***
***v***
***Jimmy Stellini***

Illum 11 ta' Dicembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuza***
Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Jimmy Stellini huma bazati fuq ir-reati ta' **Serq aggravat**, **Ricettazzjoni** u **Hsara Volontarja**.

***Kwadru tal-fatti***
Illi fl-Lulju tas-sena 1995 kienet insterqet karrozza tal-marka Peugeot kulur safrani bin-numru A8828 proprjeta' ta' certu Joseph Falzon meta dana kien halliha pparkjata quddiem ir-residenza tieghu, mhux imsakkra u bic-cavetta fl-ignition key, stante li kien dahal id-dar malajr biex igib xi haga.

Illi minn investigazzjoni li ghamlet il-pulizija f' dan ir-rigward irrizulta li karrozza tal-marka Peugeot bin-numru N6518 kienet ser taqsam minn Malta ghal Ghawdex. Di fatti din l-informazzjoni mghotija lill-pulizija kienet

korretta ghax l-imsemmija vettura giet intercettata mill-pulizija c-Cirkewwa. Din kienet qed tinsaq minn Carnelo Micallef.

Illi l-imsemmi Carmelo Micallef sostna li l-vettura ma kienitx tieghu, izda kien silifhielu l-imputat biex jinqeda biha, stante li din kienet tal-mara tieghu u dina ma kienitx fi stat ta' sahha li tuzaha, u jekk jista' jkun isiblu l-bejgh taghha.

Illi konformament ma' din l-informazzjoni, il-pulizija arrestat lill-imputat li rrilaxxja stqarrija. Dan stqarr li huwa kien xtara karrozza tal-marka Peugeot 201 bin-numru **N6518** ta' kulur abjad versu l-prezz ta' LM300. Din kellha l-hsara fuqha u kien xtraha sabiex jirrangaha.

Illi sussegwentement huwa xtara karrozza ohra tal-marka Peugeot minghajr number plates u ta' kulur isfar. Dina kien xtara minghand persuna li hu ma identifikax, minn Marsaxlokk versu l-prezz ta' LM500. **L-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu li huwa kien jaf li din il-vettura kienet misruqa**.

Illi sussegwentement tella' din il-karroza Ghawdex, u hemmhekk wahhlilha diversi accessorji li huwa kien qala' mill-karrozza **N6518**, zebghha bajda, u poggilha n-number plates tal-imsemmija vettura. Wahhlilha wkoll magna tar-Renault.

Illi l-imputat cahd li l-karrozza kien seraqha hu, izda sostna li kien xtraha minghand terz u li kien jaf li kienet provenienti minn serq.

Huwa spjega li l-karrozza kien ta' lill mara tieghu, izda f' dak il-perijodu peress li din kienet tqila u ma setghetx issuqa kien sellifha lill-imsemmi Charles Micallef sabiex jinqeda biha.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi l-Qorti hija propensa li taccetta bhala veritiera l-fatti kif kontenuti fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Minn dawn il-fatti jikkonfiguraw ir-reati ta' **Ricettazzjoni u ta' Hsara volontarja**, izda r-reat ta' serq ma giex sodisfacentement provat skond il-ligi. Ma ngabitx prova sodisfacenti li tistabilixxi n-*nexus criminis* bejn is-serq tal-vettura u l-imputat, u ghalhekk din l-akkuza ma tistax treggi. Inoltre, ir-reat ta' Ricettazzjoni guridikament jeskludi dak ta' Serq. Dawn iz-zewg reati ma jistghux jissussistu flimkien ghax wiehed necessarjament jeskludi lill-iehor.

***<u>Piena</u>***

Illi in propositu ghal piena il-Qorti tikkonsidera opportun s-segwenti osservazzjonijiet:

Illi rigward tar-reat ta' Hsara volontarja ma giex provat **l-ammont ta' hsara** kkagunata lid-derubat; u in mankanza ta' din il-prova il-Qorti tirrileva li dan ir-reat ghandu jissussisti fil-grad minimu tieghu kontemplat fl-artikolu 325 (d) tal-Kap.9 in omagg ghall-principju *"in dubbjo pro reo"*.

Illi r-reat ta' **Ricettazzjoni huwa reat serju** u, fic-cirkostanzi, jimmerita peina karcerarja. Huwa ozjus li jinghad li minghajr dan ir-reat, il-frekwenza tar-reat ta' serq tonqos drastikament, stante li min jisraq isibha difficli biex jiddisponi mir-refurtiva.

Illi minn naha l-ohra pero' **l-fedina penali** nadifa tal-imputat tirrendi opportuna fil-konfront tieghu l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap.9 referibbilment ghas-sospensjoni tal-piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi (b) u (c ), u, wara li rat l-Artikoli 334 u 325(d) tal-Kap.9, tikkundannah ghal piena ta' ***priggunerija ghal zmien sentejn sospizi ghal sentejn*** ai termini tal-Artikolu

28A tal-imsemmi Kap. Inoltre, tordna l-konfiska tal-vettura esebita dok.K u tad-dokument JF.

Ma ssibux hati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***

Vera Kopja

Bruno Zahra
Deputat Registratur